TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 88/13-F

**Randall & Elizabeth Mikkelsen**

**vs**

**Kurt Vidal għan-nom ta' Vidal Gypsum**

Illum 9 ta' Jannar, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 t'April, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tmien mitt ewro (€800), rappreżentanti xogħol li ma lestiex l-intimat u li kien tħallas għalih.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi kienu qabdu lill-intimat sabiex jagħmel xogħol ta' *gypsum plastering* f'diversi postijiet inkluż żebgħa, u minkejja li ħallsitu l-ammont kollu li talab kien għad baqa' xogħol li ma sarx li jinkludi ħames mitt ewro (€500) xogħol ta' materjal li neħħa mill-fond tar-rikorrenti, u mitejn ewro (€200) lura talli ma lestiex ix-xogħol, u kif ukoll mitt ewro (€100) tat-tindif ta' l-art.

L-intimat issottometta illi x-xogħol ma baqax jitkompla minħabba diversi nuqqasijiet *daparte* tar-rikorrenti, prinċipalment illi d-dawl ma kienx mgħoddi, illi kellhom jgħaddu trinek ġodda, beda jqattar l-ilma minn fuq il-bejt, ix-xogħol ta' l-ilma ma kienx mgħoddi, illi kien hemm *switches* li kienu jiċċaqalqu u kien hemm nuqqas t'affarijiet oħra. Pero' jikkonkludi illi x-xogħol li għamel ħadem kollu għalih u tħallas il-prezz li kien miftiehem. Illi talab iktar flus u ma ridux iħallsuh, u b'hekk ma riedx ikompli.

L-intimat issottometta illi tħallas mitejn u ħamsin ewro (€250) darbtejn, u ħames mitt ewro (€500) oħra li jammontaw għal elf ewro (€1,000). Illi x-xogħol li għamel ilaħħaq għal elf u sitt mitt ewro (€1,600), u allura sewa iktar milli qed jitlob.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi kien hemm pika bejn iż-żewġ partijiet, illi l-intimat irid ikompli jitħallas u r-rikorrenti ma jridux iħallsu iktar qabel ma jitkompla x-xogħol, pero' l-importanti f'dan l-istadju huwa li x-xogħol li għamel l-intimat kien tħallas għalih.

It-Tribunal, jinnota li mix-xogħol li għamel l-intimat kien tħallas għalih, u għalhekk ir-rikorrenti mhi dovuta xejn bħala rifużjoni.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**